**Laqgha Numru 07/K6/2011**

**Introduzzjoni**

Is-Seba' Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2011 li saret nhar l-Erbgha 2 ta' Marzu 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2011. L-Agenda kienet:

**01. Il-Progett tal-Park & Ride.**

## 01. Il-Progett tal-Park & Ride.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lil dawk prezenti li huwa flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kienu attendew ghall-laqgha aktar kmieni ma' TM, laqgha li qal li kienet pozittiva. Il-kelliem ta' rendikont ta' dak kollu diskuss f'din il-laqgha u fid-dawl ta' l-istess diskussjonijiet ippropona li l-Konferenza Stampa proposta mill-Kunsill m'ghandiex issir ghalissa izda tibqa "on hold" sakemm il-Kunsill jara jekk dak li qed jigi mwieghed minn TM isirx jew le. Fl-istess hin il-kelliem qal li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fil-jiem li gejja ser ilesti draft tal-laqgha li saret ma' TM biex tintbaghat lill-TM u kif jivverifikaw il-kontenut taghha, din tintbaghat lill-membri tal-Kunsill bhala Internal Memo.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.04. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fis-5.50pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |